# PAWLU BELLANTI

Malti bin il-Maltin, minn dawk li mxew il-quddiem b'rashom għolja, u għexu m'hux għalihom biss imma għal ġid għajrhom u ta' l-art li rat twelidhom. Miet nhar il-Ħadd 13 ta' Frar 1927. Kull min għandu ftit tal-għira għall-Malti jaf min hu Bellanti li fittex sa minn żgħożitu li jġib il-quddiem lil niesna u lil ilsienhom.

Imdaħħal f'kull xirka li saret biex il-Malti jkun imgħallem u miktub kif imiss, insibuh ma' dawk l-ewlenin ħaddiema tax-Xirka Xemija (1885) ixandru "*is-Sebħ*" u l-"*Qari għall-Maltin*"; Preca, Tagliaferro, Casolani, Fabriz Borg, Patri Magri, Cachia, Bellanti u tant oħrajn li riedu bil-Malti jaslu biex igħallmu s-sewwa lill-ħaddiem u lil dawk kollha li ma jaqrawx bi lsien ieħor. Insibuh fost l-ewlenin tal-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*" u wieħed minn tal-Kummissjoni għal l-ortografija tagħha.

Min ma qarax xi ħaġa ħelwa tiegħu fil-"*Qari għall-Maltin*" u fil-ġabra tal-Kotba tas-sur Fons Galea, bħal ma hi *Marjanna Fumi ?* (1900). Moħħu kien jibri dejjem fuq niesna ta' l-ewwel u l-oqbra tagħhom; fittex oqbra, qejjes u ħażżeż biex kiteb dik il-ġawhra ta' ktieb "*Malta Qadima*" (1913) li kull Malti jmissu jżomm quddiemu.

Biex il-barranin jitgħallmu wkoll fuq niesna ta' l-ewwel kiteb ktieb akbar bl-ingliż "*Studies in Maltese History*" (1924)

Ħadd ma jaf x'kiteb fil-ġurnali għax ismu ma kienx iħobb ixandru, iżda fejn sata' jagħmel nitfa ġid kien dejjem minn ta' l-ewwel.

Midhi bit-tagħlim tal-Knisja, qaleb, b'dehen ta' nisrani, l-enċiklika *Rerum Novarum* tal-Papa bil-malti (1921) u fil-*Ħabib* xammar dejjem għal nisel il-Maltin, għal ġiehom u għal dinhom.

Dan għal dak li hu *Malti*. X'għamel mal-Gvern li rħielu xogħol minn l-irqaq f'idejh, jafu kullħadd; x'qalb ta' qaddis kellu jafuh ħbiebu u kull min kellu x'jaqsam miegħu u dawn ma jistgħux jinsewh sa ma jmutu. Alla jatih il-Ġenna li kienet tistħoqqlu.

T. Z.